Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 244/2015

Il-Pulizja

Vs

Onorato Bugeja

Illum 30 ta' Gunju, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Onorato Bugeja detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 544760M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Gewwa Birzebbugia u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar il-15 ta' Settembru, 2012 ghall-habta tal-10:40hrs u fil-granet ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zmienijiet differenti, jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Opera, ippromwova, biegh jew ippartecipa jew b'kull mod li jkun ghen jew hajjar l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghob mhux awtorizzat;
2. U aktar talli ghamliha ta' rivevitur ta' gugati tal-lottu meta ma kienx awtorizzat mill-Ministru responsabbli ghall-finanzi;
3. U aktar talli biegh jew offra ghall-bejgh gugati tal-lottu pubbliku minn postijiet mhux licenzjati ghal dan il-ghan;
4. U wkoll talli biegh loghbit li jaghmlu parti mill-Lotterija Nazzjonali minghajr permess mill-Awtorita dwar il-Loghob u l-Lotteriji.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' April, 2015, fejn il-Qorti illiberat lill-akkuzat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Mejju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u miflok, in vista tal-kunsiderazzjonijet imsemmij aktar il-fuq, tghaddi biex tiddisponi minn dan il-kaz skond il-ligi u gl-ahjar interess tal-gustizzja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fil-hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015), l-esponent Avukat Generali rcieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-atti tal-procedura fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b'mod car u dana ghar-raguni li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi li filfatt wasslet ghall-helsien tal-imputat mill-proceduri odjerni.

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jinterponi dan l-umli appell;

Illi, huwa minnu li l-Artikolu 74(2) tal-Att Dwar Lotteriji u Loghob iehor (Kap. 438 tal-Ligijiet ta' Malta) jistipola li "Ebda procedimenti ghal xi reat kontra dan l-Att jew xi regolamenti maghmulin tahtu m'ghandhom jinbdew minghajr is-sanzjoni tat-Avukat Generali";

Illi, pero' hu minnhu ukoll li dan l-istess kunsens tal-Avukat Generali jigi pprezentat mill-Ufficjal Prosekutur seduta stante meta jinqraw l-akkuzi kontra l-imputat u formalment jibdew il-proaeduri fil-konfront tieghu;

Illi, fil-proceduri odjerni l-Ufficjal Prosekutur lanqas biss kien prezenti waqt is-seduta in kwistjoni u ghaldaqstant kien impossibli li jinqraw l-akkuzi kontra l-imputat. Dawn filfatt qatt ma nqraw jigifieri teknikament il-proceduri kontra l-istess imputat lanqas qatt ma nbdew!!

Illi, tenut kont dan kollu, huwa fatt ovvju li gialadarba lanqas qatt ma tniedu il proceduri kontra l-imputat, wisq anqas qatt ma kien hemm l-opportunita' sabiex jigi ezebit il-kunsens tal-Avukat Generali, li kien filfatt diga lest ghand l-Ufficjal Prosekutur sabiex jezebixxi l-istess hekk kif jigu mahlufa minnu l-akkuzi relattivi;

Illi, ghaldaqstant, b'kuIl dovut rispett, l-Ewwel Qorti qatt ma setghet ghaddiet sabiex taghti sentenza fuq kawza li kienet ghadha lanqas biss bdiet! In oltre, aktar u aktar qatt ma setghet tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba kontrieh minhabba li l-kunsens tal-Avukat denerali ma giex ipprezentat, u dana ghar-ragtinijiet ga trattati aktar il-fuq.

Ikkunsidrat,

Illi l-gravam sottopost mill-Avukat Generali huwa marbut ma' punt ta' dritt procedurali u dan meta l-Ewwel Qorti ghaddiet ghal liberatorja ta'l-appellat stante illi kien mankanti il-kunsens ta'l-istess Avukat Generali sabiex titmexxa 'il quddiem il-prosekuzzjoni tar-reati addebitati lill-appellat. Illi jilmenta allura l-appellanti illi gjaldarba l-prosekuzzjoni tal-kaz kien ghadu ma inbediex billi l-akkuzi kienu ghadhom lanqas inqraw mill-ufficjal prosekutur kwindi ma kienx mehtieg ghadu f'dak l-istadju li l-imsemmi kunsens ikun jinsab fl-atti billi l-istess kien ser jigi imressaq mill-prosekuzzjoni *seduta stante* hekk kif jinqraw l-akkuzi.

Illi l-artikolu tal-ligi relattiv ghal lanjanza imressqa huwa l-artikolu 74 tal-Att Dwar il-Lotterji u Loghob Iehor li fis-sub-inciz wiehed (1) u tnejn (2) tieghu jaqra:

**"(1) Il-Qorti tal-Maġistrati, fil-ġurisdizzjoni kriminali tagħha, tkun il-qorti kompetenti li tittratta u tiddeċiedi reati kontra dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħtu.**

**(2) Ebda proċedimenti għal xi reat kontra dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħtu <u>m'għandhom jinbdew</u> mingħajr is-sanzjoni tal-Avukat Ġenerali."**

Jargumenta l-Avukat Generalil illi gjaldarba l-akkuzi kienu ghadhom ma inqrawx mill-Ufficjal Prosekutur u l-imputat, l-appellat odjern, kien ghadu ma wegibx jekk hux hati o meno ta'l-istess, allura l-procediment fil-konfront tieghu ghandu jitqies li

kien ghadu ma inbediex u dan ghalkemm kienu saru diga' hames seduti fejn l-kawza kienet kull darba tigi differita ghal xi raguni jew ohra.

Issa fit-tmexxija tal-kawzi li huma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghandhom jitharsu id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 375 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi, b'applikazzjoni ta'l-artikolu 374(i), illi it-tmexxija tal-kawża għandha ssir fil-qosor u bil-fomm, fl-ordni li ġej: (i) il-Prosekutur jew il-pulizija ezekuttiva jesponi l-fatt tar-reat u jġib il-provi tiegħu; (ii) l-imputat jagħmel id-difiża tiegħu u jġib il-provi tiegħu; (iii) il-prosekuzzjoni jista' jirreplika, u l-imputat jew l-avukat jew prokuratur legali tiegħu jista' jagħmel kontra-replika: Illi f'dawn il-kawzi sommarji il-Qorti tista' titlob li r-rapport tal-uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva jiġi mwettaq bil-ġurament. Mela allura il-procediment penali ma jinbediex hekk kfi tigi ipprezentata c-citazzjoni, billi din hija biss avviz ghal persuna imputata sabiex igharrfu bl-akkuzi li qed jingiebu fil-konfront tieghu, kif ukoll ghad-data u l-hin meta ser jinbeda s-smigh tal-kaz u dan fit-termini ta'l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali. Meta imbaghad il-kawza titqieghed fuq il-lista tas-smigh tal-Qorti, l-procediment jinbeda hekk kif stabbilit fl-artikolu 375.

Illi gie ritenut illi:

"Is-subartikolu (2) ta'l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali introdott fl-1911 kellu u ghandu l-iskop proprju li jaghti kemm jista' jkun informazzjoni lill-persuna li tkun giet avzata biex tidher quddiem il-qorti inferjuri bl-iskop, fi kliem l-Avukat tal-Kuruna ta' dak iz-zmien fid-dibattiti fil-Council of Government, "*di parificare fino ad un certo punto la redazione della citazione con quello dello atto di accusa*" (ara Pulizija vs Arthur S. motrimer, Appell Kriminali 6/12/48). Pero' dan ma jnaqqas xejn mill-principju ormaj stabbilit u akkolt fil-gurisprudenza taghna, li c-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza fil-kawzi quddiem il-Qrati tal-Magistrati, izda din, cioe' **l-akkuza proprjament tingieb meta tinqara fil-qorti fil-presenza ta'l-imputat** f'dak l-istadju tal-procedura indikat fl-artikolu 374(i)(i) tal-Kodici Kirminali.[1]"

[1] App. Inf. 05/05/1994 Il-Pulizija vs Charles Chircop

Stabbiliti kwindi dawn il-principji legali u gurisprudenzjali, huwa allura bil-wisq evidenti illi l-Avukat Generali ghandu ragun. Dan ifisser illi l-prosekuzzjoni kellha sal-hin meta l-akkuza tingieb formalment kontra l-appellat, u cioe' meta tinqara fil-Qorti, l-opportunita sabiex is-sanzjoni ta'l-Avukat Generali indikata fl-artikolu 74(2) tal-Kap,438 tigi pprezentata sabiex il-proceduri ikunu jistghu jitmexxew 'il quddiem. Kwindi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tghaddi ghal liberatorja ta'l-imputat fi stadju meta l-akkuza kienet ghadha ma ingiebetx kontra tieghu bil-qari ta'l-istess mill-Ufficjal Prosekutur. Dan seta issir biss li kieku ghal grazzja ta'l-argument din inqrat minghajr ma kien ghadu gie pprezentat il-kunsens mehtieg *ad validtatem* ghal prosekuzzjoni ta'l-istess. Jidher illi fl-ewwel seduta iffissata ghas-smigh tal-kawa, l-imputat kien ghadu mhux innotifikat bic-citazzjoni, fit-tieni u it-tielet seduta s-smigh ma setax jinbeda billi il-Prosekuzzjoni tallbet differiment, u imbaghad wara il-Qorti iddifferiet il-kawza minhabba indisposizzjoni tal-magistrat sedenti. Fl-ahhar seduta, l-Ufficjal Prosekutur ma deherx meta issejjah is-smigh tal-kawza fejn allura l-Ewwel Qorti ghaddiet ghal liberatorja ta'l-imputat fuq akkoljiment ta' l-eccezzjoni sollevata mid-difiza. Indubbjament allura dan jindika illi l-procediment penali qatt ma inbeda billi fl-ebda mument ma jidher illi ingiebet l-akkuza kontra l-appellat kif indikat fl-artikolu 375, ghalkemm is-smigh ta'l-istess kien diga gie iffissat ghal mhux inqas minn hames seduti u l-process penali ma inbediex primarjament minhabba nuqqas tal-prosekuzzjoni milli tattendi.

Illi ukoll l-appellat kien qed jiffaccja akkuzi ohra u dan referribbilment ghat-tieni, it-tielet u ir-raba imputazzjonijiet li jaqghu taht id-disposizzjonijiet ta'l-artikoli 12, 13 u 14 tal-Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku. Illi ghal prosekuzzjoni ta' dawn ir-reati ma jenhtieg l-edba sanzjoni mill-Avukat Generali u dan meta fl-artikolu 20 tieghu jinghad:

**"Il-Qorti tal-Maġistrati hija l-qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tar-reati kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza."**

Illi ghalkemm l-artikolu 80(3)(a) tal-Kapitolu 438 jipprovdi illi l-Kapitolu 70 ghandu jithassar, madanakollu ma jidhirx illi din id-disposizzjoni tal-ligi giet fis-sehh kif jidher mil-posstilla biswit dan is-subartikolu. u dan billi l-Avviz Legali 240 ta'l-2002

gab fis-sehh is-sub-incizi (3)(d)(f) u (g) biss. Kwindi fi kwalunkwe kaz ma kien hemm xejn x'josta lill-Ewwel Qorti milli tipprocedi ghas-smigh tal-akkuzi tnejn, tlieta u erba' migjuba kontra l-appellat billi ghal prosekuzzjoni taghhom certament ma kienx mehtieg il-kunsens ta'l-Avukat Generali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qieghda tilqa' l-aggravvju ta'l-Avukat Generali, kwindi tghaddi sabiex tirrevoka is-sentenza ta'l-Ewwel Qorti. Tirrimanda l-atti quddiem l-Ewwel Qorti u dan sabiex jinbeda is-smigh tal-procediment penali fil-konfront ta'l-appellat.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur